**Kunsill Lokali –L-ISLA– Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## L-GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 18

**25 ta' Settembru 2025**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar il-Ħamis 25 ta' Settembru 2025 fl-4:30 pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Clive Pulis - | Sindku |
| Anthony Bonavia - | Viċi Sindku |
| Joeline Attard - | Kunsillier |
| Malcolm Gatt - | Kunsillier |
| Mario Gauci - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

2,/4, Triq San Guzepp, Isla, ISL1229, Malta.

☎: +356 21662424 @ :isla.lc@gov.mt www.lc.gov.mt/

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 18 għal-għaxar leġislatura

| | |
|---|---|
| **18.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Ma kienx hemm |
| **18.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 18.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 17, intbgħatu lill-kunsilliera permezz ta' imejl u ġew approvati mill-kunsilliera is-Sa Joeline Attard u ġew issekondti mill-kunsillier s-Sur Mario Gauci. |
| **18.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 18.03.01 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera, l-kwotazzjoni tal-kuntrattur tad-dwal tal-Milied fejn qablu unanimament u din il-kwotazzjoni ġiet approvata.. |
| 18.03.02 | Is-sindku informa lil kunsilliera preżenti li hwa flimkien ma sindki oħra sejjer Brussel u kollox ser ikun imħallas mir-Reġjun Port. Il-Kunsill irrid joħroġ l-allowance tal-Per Diem. Dan l-allowance ġie approvat mill-kunsilliera preżenti. |
| 18.03.03 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti dwar is-suċċess li reġgħet saret mill-banda għal-ftuħ tas-sena skolastika fejn laqgħu t-tfal lura l-iskola bil-briju. |
| 18.03.04 | Is-sindku informa lil kunsilliera preżenti li flimkien mal-iskola u l-arċipriet ser jaħdmu flimkien mal-Perti David Zahra sabiex issir proġett għat-tfal ' Waltk Through Museum' biex b'hekk it-tfal jitgħalmu dwar l-istorja rikka tal-belt Senglea. |
| 18.03.05 | Is-sindku informa lil kunsilliera li l-kunsill irċieva l-ittra minn għand id-dipartiment għall-gvern lokali li l-iskema tal-Milied SPI/SCI/o4/2025 – Finanzjament Milied 2025 ġiet milqgħua.. |
| 18.03.06 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li l-Ġimgħa 10 t' Ottubru ser toħroġ il-purċissjoni tar-Rużarju fis-6.45 pm fejn ser ikun hemm clearance fi Triq iż-Żewġ Mini u żewġ parkings taħt iz-zuntier b'kollaborazzjoni mal-puluzija |
| 18.03.07 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li fit-30 ta' Settembru 2025 ser ikun hemm konferenza dwar il-fondi tal-EU ESF+.03.246 Life Long Learning is a key to Better Governance at a Region and Local Level |

| | |
|---|---|
| | ġewwa A.x. The Palace Sliema fejn ser jattendi is-Sindku u is-Segretarju Eżekuttiv. |
| 18.03.08 | Is-sindku informa lil kunsilliera li fit-3 t' Ottubru 2025 ser ikun hemm mixja żgħira mil-10.30 am sal-11.30 am mil-istudenti tal-iskola primarja flimkien mal-ġenituri/ kustodji tagħhom għalhekk l-iskola qed jitolbu l-kunsill sabiex nassistuhom bis-servizz tal-puluzija. Il-Kunsilliera qablu unanimament. |
| 18.03.09 | Is-Sindku ressaq l-imejl li bagħat l-arċipriet Fr. Robin Camilleri bħala ringrazjament tal-għajnuna u kollaborazzzjoni mal-knisja għall-festa glorjuża ta' Marija Bambina. |
| 18.03.10 | Is-Sindku ressaq ċirkulari Cir AKL 2025/50 – Programm ġdid fuq PBS dwar il-Kunsilli Lokali. Programm ta' nofs siegħa fil-ġimgħa dwar il-Kunsill Lokali sabiex hekk il-pubbliku ikun jaf il-ħidma tal-kunsilli lokali. Il-Programm ser jibda jixxandar il-Ġimgħa 5 ta' Settembru fis-14.30 u ser ikompli kull ġimgħa fl-istess ħin. |
| 18.03.11 | Is-Sindku ressaq imejl datata 10 ta' Sett mit-Transport Malta dwar seminars informattivi dwar il-ġestjoni u l-manutenzjonitaż-żbir tas-siġar fis-7 ta' Novembru bejn 9.30 u 13.00. fis-sala tal-konferenzi Triq Pantar Lija. Għal din il-konferneza huma mistiedna is-sindku u s-segretarju eżekuttiv. |
| 18.03.12 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li l-kunsill irċieva stedina minn għand NGO mir-Romania – Craiova fejn stiednu lis-sindku u s-segretarju eżekuttiv sabiex imorru jiddiskutu proġetti li jistgħu issiru bejn żewġ lokalitajiet. L-ispejjeż tas-sindku ser ikunu kollha mħallsa minn l-NGO u l-ispejjeż tas-segretarju eżekuttiv ser jitħallsu 50 %. Il-Kunsill joħroġ il-Per Diem għall dan is-seminar bejn 20 – 24 ta' Novembru 2025. |
| 18.03.13 | Is-sindku informa lil kunsilliera preżenti li l-kunsill irċieva talba minn għand Latina Pictures sabiex jużaw il-parkeġġ tal-Maċina għall-filming. Il-Filming ser jinħadem fil-Maċina Sheer Bastion. Wara diskussjoni mal-kunsilliera ġie maqbul li l-ewwel talba għandha tkun ta' 10,000 ewro għal dan l-inkonvenjent għar-residenti għal jumejn. |
| 18.03.14 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li hemm laqgħa Ġenerali Anchoring the Future Reġjun Port Annual General Meeting & EXPO is-Sibt 27 ta' Settembru mir-Reġjun Port fil-Pjazza tar-Raħal Ġdid. |
| 18.03.15 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li Regatta Club ser jorganizzaw Majjalata fejn il-Grawnd tal-Futbol Benny Casha fil-25 t' Ottubru 2025. |

| | |
|---|---|
| 18.03.16 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera li s'issa għadu mhux kuntent bis-servizz tal-knis, qed jiddiskutu flimkien mas-sur Duncan Hall sabiex jibgħat is-supervisor għaliex il-kunsill ħallas aktar sabiex ikun hemm aktar indafa u sorveljanza tal-indafa. |
| 18.03.17 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet imejl lil kunsilliera kollha dwar l-approvazzjoni tal-kunsill sabiex il-kunsill japplika għall-proġett mal-Ewropa dwar id-dimensja. Il-Kunsilliera kollha bagħtu risposta affermattiva. |
| **18.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 18.04.01 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jien, Anthony Bonavia, nixtieq nistaqsi jekk il-Kunsill jistax ineħħi l-linji sofor fi Triq il-Kurċifiss.<br>**Tweġiba:**<br>Is-Sindku wieġeb li ser jitneħħew fil-ġimgħa d-dieħla. |
| 18.04.02 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jien, Mario Gauci , nixtieq nistaqsi jekk il-Kunsill jistax jagħmel bollards fi Triq il-Mina tax-xatt fejn il-Kandlora.<br>**Tweġiba:**<br>Is-Sindku wieġeb li ser issiru. |
| **18.5** | **Rapporti** |
| 18.5.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl rapporti tal-*Purchase Order* t' Awissu 2025 u l-*Petty Cash* t' Awissu 2025 fejn ġew approvati mill-kunsillier Mario Gauci u s-sekondati mill- kunsilliera is-Sinj. Joeline Attard. |
| **18.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 18.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 9/2025 fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mill- kunsillier Mario Gauci u s-sekondati mill- kunsilliera is-Sinj. Joeline Attard. |

| | |
|---|---|
| **18.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 18.07.1 | Is-Seduta ntemmet fil-5:30pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 28 t' Ottubru 2025 fl-4:30p.m. |

Konfermati, illum 28 t' Ottubru 2025

Clive Pulis
Sindku

Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv